MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1735/2005

**Salvinu Spiteri ID 511427(M)**
**u Maria Spiteri ID 95132(M)**

**Vs**

**Horace Mula**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Settembru, 2005, fejn gie premess illi l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u hamsin Liri Maltin (Lm550) rapprezentanti inkwantu ghall-mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) bhala arretrati ta' kera ta' garage lilhu mikri u inkwantu ghall-erba` mitt Lira Maltin (Lm400) in linea ta' danni u reparazzjonijiet fil-fond ossia f'garage f'tal-Barrani Road Zejtun.

Illi l-konvenut gie nterpellat ghall-hlas izda baqa inadempjenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-2 ta’ Awissu 2005, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-istess ittra u tal-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ta’ l-24 ta’ Ottubru 2004 fejn gie ecceppit illi t-talba ta’ l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi, stante li ma huwa dovut l-ebda ammont mill-konvenut, versu l-atturi rapprezentanti arretrati ta’ kera ghal garaxx sitwat fit-Triq tal-Barrani, iz-Zejtun, jew xi ammont iehor rapprezentanti danni u riparazzjonijiet fl-istess garaxx, kif allegat mill-atturi fl-avviz promotur.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet u ra illi fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 2007 l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-ammont ta’ hames mija u hamsin Liri Maltin (Lm550) riklamat jirrapprezenta in kwantu ghal mija u hamsin Liri Maltin arrettrati ta’ kera ta’ garage u erba` mitt Liri Maltin (Lm400) danni u riparazzjonijiet li fl-istess fond wara li gie kkonsenjat lura l-pussess tieghu lill-atturi sidien.

Illi dwar l-mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) arrettrati ta’ kera, Nicholas Spiteri (iben l-atturi) jghid illi l-kera kienet ta’ tlett mitt Liri Maltin (Lm300) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem u l-atturi kienu qed jitolbu s-sitt xhur minn Jannar sa Gunju 2005. Jghid illi c-cwievet il-konvenut ikkonsenjhom ghall-ahhar ta’ Gunju 2005 (seduta 7 ta’ Dicembru 2005).

Carmelo Spiteri, iben iehor ta’ l-atturi in vece, xehed (15 ta’ Frar 2006) illi c-cwievet gew kkonsenjati f’Lulju 2005 u kienu dovuti sitt xhur kera fl-ammont ta’ mija u hamsin Liri Maltin (Lm150).

L-attrici Maria Spiteri (affidavit a fol 34) tghid illi l-konvenut kien hallas ghall-perjodu Gunju 2004 sa Dicembru 2004 l-ahhar u naqas illi jhallas ghall-perjodu Jannar – Gunju 2005.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid (4 ta' Ottubru 2006) illi l-kera l-ahhar li kienet kienet dik ta' tlett mitt Liri Maltin (Lm300) fis-sena u "Jiena kont inhallas bic-cekk din is-somma ta' tlett mitt Lira (Lm300) u dik kienet l-unika rcevuta li ghandi ta' hlas ta' kera". Cahad illi kellu xi arrettrati ta' kera xi jhallas.

Mart il-konvenut, Rosanna Mula, xehdet (4 ta' Dicembru 2006) illi "l-hlas tal-kera, meta kien isir bic-cheque, kont naghmlu jiena ghax ir-ragel ma jafx jikteb u sa fejn naf jien qatt ma hallejna arrettrati ta' kera, konna nhallsu b'cekk peress illi l-ktieb tal-kera qatt ma jien jasal lura".

La l-konvenut u lanqas il-mara tieghu ma setghu jikkonfermaw meta l-konvenut ikkonsenja c-cavetta tal-fond li kien ilu mikri. Di piu` l-konvenut jghid (26 ta' Jannar 2007) illi ma setghax igib prova tal-hlas tal-kera ghall-perjodu Jannar sa Gunju 2005 "peress illi dawk il-pagamenti ghaddejthom fuq l-idejn".

Mill-kumpless kollu tal-provi prodotti it-Tribunal ihoss illi l-konvenut ma rnexxilux jipprova illi effettwa l-hlas tal-kera ghall-perjodu mitlub u fl-ammont mitlub. Anzi, l-prova illi ghandu quddiemu t-Tribunal hija illi dik l-iskadenza ta' kera ma thallsitx. U gia la darba l-konvenut xehed illi huwa kien hallas – kien jispetta lilu illi jipprova tali hlas – haga li ma ghamilx.

In kwantu l-erba` mitt Liri Maltin (Lm400) rapprezentanti d-danni maghmula fuq il-fond li kien mikri lill-konvenut it-Tribunal ma jistghax ma jikkonkludix illi l-konvenut ma hasx hsieb il-fond li kien lilu mikri, kif kien obbligat jaghmel.

Li l-konvenut u l-mara tieghu jixdhu illi kienu jaghmlu xoghol ta' manutensjoni fil-fond mhux bizzejjed biex dan

it-Tribunal ikun sodisfatt illi c-cwievet gew ritornati f'mument meta l-fond kien fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u manutensjoni.

Anzi, l-istess konvenut (seduta 26 ta' Ottubru 2005) jghid illi "l-ahhar li bajjad il-post kif dhalt go fih, mbaghad bajjadtu darba ohra. Il-post kien jaghmel l-ilma mad-dawra ghaliex is-sidien qatt ma helbuh u jekk hemm il-darba nbajjad jitfacca l-umdita`". Jghid wkoll illi qatt ma talab permess illi jitla` fuq il-bejt biex ihalleb.

It-Tribunal ma jhossx illi ghandu jikkuntenta ulterjorment – meta *ex admississ* il-konvenut naqas milli jaghmel il-manutenzjoni ordinarja tal-fond li kien lilu mikri, u meta ma ngiebet ebda prova illi kien hemm xi ftehim illi anke l-manutensjoni ordinarja kellha tkun a karigu tas-sidien.

Dwar il-quantum mitlub, irid jinghad illi r-rapport tal-Perit Jean Pierre Attard (fol 17) ma hux ikkontestat u wahdu jifforma prova sodisfacenti ghal dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi ha konjizzjoni ta' l-atti kollha processwali, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi illi t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu – filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jordna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u hamsin Liri Maltin (Lm550).

Bl-ispejjes kif mitluba u bl-imghax mid-data tal-presentata ta' l-Avviz kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------